**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Novembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**-vs-**

**John Ebejer, detentur tal-karta ta l-identita` numru 203981M.**

*Kumpilazzjoni Nru. 715/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Ebejer u ċioè talli:

Nhar is-6 ta' Novembru, 2018 u fil-ġranet ta qabel, f'dawn il-Gzejjer:

**1.** Bl-intenzjoni li jakkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat minghajr il-kunsens tal-persuna jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film u ċioe' ta' Marouska Camilleri;

2. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi ***John Ebejer*** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni bikrija tieghu, tal-fedina penali xejn attrajenti tieghu, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 208E tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 49(c) tal-Att Biex Jirregola t-Telekommunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal multa ta' €4,500 pagabbli fi zmien sena ratejalment.

Ai termini tal-artiklu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tohrog ordni ta' trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Marouska Camilleri ghal zmien tlett (3) snin.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**